4 ta' Marzu, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Natale Turco *versus* Avvocato Gabriele Castorina

**Ġurisdizzjoni — Frustieri — Art. 743 u 742 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta żewġ frustieri jagħmlu assoċjazzjoni bejniethom f'pajjiżhom, u dik l-assoċjazzjoni għandha tiġi kompjuta f'dak il-pajjiż, il-Qrati Tagħna ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kwistjonijiet li jqumu bejniethom in konnessjoni ma' dik l-assoċjazzjoni; għax kontroversja simili ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-ipotesijiet kontemplati mill-liġi tagħna dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qrati.*

*U dana avvolja dik l-assoċjazzjoni jkollha bi skop in-negozju ma' Malta; għax b'hekk ma jiġix illi l-kuntrattazzjoni saret f'Malta.*

L-attur fit-taħrika qal illi huwa u l-konvenut għamlu in assoċjazzjoni diversi negozji f'Malta, u li mill-kontijiet li saru bejniethom irriżulta bilanċ dovut lilu ta' £700 jew ekwivalenti f'liri Taljani; u li dana l-bilanċ ġie mitlub inutilment diversi drabi; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu

s-somma ta' £700 jew ekwivalenti liri Taljani, bħala somma dovuta lilu riżultanti mill-kont ta' bejn il-kontendenti, bilanċ ta' profitti u spejjeż fl-assoċjazzjoni ġà eżistenti bejn il-kontendenti f'dawn il-Gżejjer; bl-imgħax kummerċjali skond il-liġi minn Ottubru 1946, meta sar il-kont. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandati ta' sekwestru, impediment ta' safar tal-bastiment "Adelaide" u tal-konvenut, eżegwiti fl-20 u fil-21 ta' Frar rispettivament;

*Omissis;*

Fuq l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, irriżulta li sew l-attur kemm il-konvenut huma ċittadini Taljani li jinsabu domiċiljati u joqogħdu f'Catania, u jinsabu hawn Malta għal żmien qasir ħafna, peress li ġew għan-negozju. L-attur jippretendi li bejnu u bejn il-konvenut kienet saret assoċjazzjoni, u flimkien għamlu negozju f'Malta, u li għamlu bejniethom il-kontijiet; u għalhekk jippretendi li huwa kreditur tal-konvenut għas-somma ta' £700. Iżda mix-xhieda ta' l-attur stess jirriżulta li l-pretiża assoċjazzjoni saret, jekk qatt saret, fi Sqallija, u n-negozju kellu jsir ta' importazzjoni u esportazzjoni bejn Malta u Sqallija. Il-ftehim sar fi Sqallija, fejn kienu l-partijiet. Jekk kellhom jirqasmu xi flus ta' qliegħ, il-qasma bilfors keliha ssir fi Sqallija, għax id-darba li ġie l-konvenut waħdu l-ħlas ma sarx lilu, iżda lill-kaptan ta' l-iskuna; u meta l-partijiet ġew flimkien, ix-xerrej tal-merkanzija ħallas b'"Cheque" favur wieħed Di Mauro li kien f'Catania, u mhux lill-partijiet; u fit-tliet darbiet l-oħra li saru l-vjaġġi bl-"Adelaide", meta skond l-attur sar negozju bi sħab, l-attur ġie Malta waħdu, għax il-konvenut ma ġiex miegħu, u għalhekk ma setax inkassa flus f'Malta bi sħab ma' l-attur. Skond l-attur u skond id-dikjarazzjoni tiegħu, sar ix-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni u l-likwidazzjoni tal-kontijiet fi Sqallija, u, dejjem skond l-attur, il-konvenut kellu jħallas lill-attur ta' sehmu meta jbiegħ il-lanċ tal-gonna tiegħu li huma fi Sqallija. Jekk kien hemm xi assoċjazzjoni, is-sedi tagħha bilfors kellha tkun fi Sqallija, għax bħala strangieri Taljani hawn Malta ma jistgħux joqogħdu b'residenza, u bil-qalija jistgħu jiġu għal ftit żmien għal skop ta' negozju, u għal dana jeħtiġilhom il-permess tal-Gvern ta' Malta;

Minn dana jidher li kull xorta ta' kuntrattazzjoni li saret

bejn il-partijiet saret u kellha tiġi kompjuta fi Sqallija, fejn. k'f intqal, bil-fors kellha ssir, u fejn skond l-attur, effettivament saret il-likwidazzjoni tal-qliegħ li sar minnha, u fejn kellu jsir il-ħlas ta' sehem l-attur. Il-fatt li l-assoċjazzjoni kellha bi skop in-negozju ma' Malta ma jġibx li l-kuntrattazzjoni saret f'Malta; għax anzi, skond l-attur stess, dik kellha effett fi Sqallija, fejn suppost li saret il-likwidazzjoni, fejn intbagħat il-ħlas tal-merkanzija, u fejn suppost li l-attur kellu jitħallas ta' sehmu. U la darba huwa hekk, il-kontroversja tal-partijiet ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-ipotesijiet kontemplati fl-art. 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Għaldaqstant dina l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u taqta' l-kwistjoni miġjuba quddiemha mill-attur fit-taħrika tiegħu; u l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi milqugħa (art. 742 (a) Kodiċi Proċedura Ċivili);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha, u teħles lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.